



KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 21.9.2005  
KUMM(2005) 444 finali

2005/0189 (CNS)

Proposta għal

### **DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL**

**Dwar il-Programm Speċifiku li għandu jitwettaq permezz ta' azzjonijiet diretti miċ-  
Ċentru ta' Riċerka Konġunta li jimplimenta s-Seba' Programm ta' Qafas (2007-2011)  
tal-Komunità Ewropea ta' l-Enerġija Atomika (Euratom) għal attivitajiet ta' taħriġ u  
riċerka nukleari**

(preżentata mill-Kummissjoni)

## MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

### **1. IL-KUNTEST TAL-PROPOSTI**

Il-Kummissjoni adottat il-proposta<sup>1</sup> għas-seba' Programm ta' Qafas tal-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika (Euratom) għar-riċerka nukleari u l-attivitajiet ta' taħriġ (mill-2007 sa l-2011) fis-6 ta' April 2005. Il-Kummissjoni indikat li l-attivitajiet kellhom ikunu organizzati f'żewġ Programmi Speċifiċi li jikkorrispondu għall-azzjonijiet "indiretti" ta' riċerka dwar l-enerġija mill-fużjoni, il-fissjoni nukleari u l-ħarsien mir-radjazzjoni, u l-azzjonijiet ta' riċerka "diretti" taċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka fil-qasam ta' l-enerġija nukleari, u dawn huma s-suġġett ta' dawn il-proposti. Il-Kummissjoni se tippreżenta proposti għar-“Regoli għall-Parteċipazzjoni u Tixrid” assoċjati.

Il-kuntest tal-politika u l-għanijiet huma stipulati fil-komunikazzjoni "Il-Bini taż-Żona Ewropea tar-Riċerka (ERA) ta' l-għarfien għat-tkabbir"<sup>2</sup>.

Il-Programmi Speċifiċi tas-seba' Programm ta' Qafas ta' l-Euratom huma maħsuba biex jindirizzaw, flimkien ma' l-isforzi nazzjonali u industrijali meħtieġa, il-kwistjonijiet u l-isfidi ewlenin f'dan il-qasam tar-riċerka fl-Ewropa.

Sostenn finanzjarju fuq livell Ewropew joffri opportunitajiet biex tiżdied l-eċċellenza u l-effettività tar-riċerka f'mod li ma jistax jintlaħaq fuq livell nazzjonali. Il-Programmi Speċifiċi tas-seba' Programm ta' Qafas ta' l-Euratom jirrappreżentaw iktar konsolidament taż-Żona Ewropea ta' Riċerka f'dan il-qasam, il-ksib ta' massa u strutturi kritiċi fl-oqsma l-ġodda tar-riċerka u b'mezzi ġodda, u iktar sostenn lill-moviment ħieles ta' ideat, għarfien u riċerkaturi.

Matul l-implimentazzjoni tal-Programmi Speċifiċi, il-potenzjal għal azzjonijiet fuq livell Ewropew għat-tiżdied ta' l-eċċellenza fir-riċerka se jkun użat sa l-ogħla grad possibbli. Dan jimplika l-identifikazzjoni u s-sostenn ta' l-eċċellenza eżistenti f'dan il-qasam kull fejn teżisti madwar l-Unjoni Ewropea kollha kif ukoll il-ħolqien ta' kapaċitajiet għal eċċellenza fir-riċerka għall-ġejjieni.

Fejn hu possibbli, l-impatt tal-Programmi Speċifiċi se jkun msaħħaħ permezz ta' komplementarjetajiet ma' programmi Komunitarji oħra, bħall-Fondi Strutturali. Dan hu konformi ma' l-istrateġija li għandha tkun segwita fil-Programm Speċifiku tal-KE 'Kapaċitajiet', billi aspett importanti tal-Programm Speċifiku ta' l-Euratom għal azzjonijiet indiretti se jkun ukoll s-sostenn għall-infrastrutturi ta' riċerka, iżda f'dan il-każ fil-qasam speċifiku tax-xjenza u teknoloġija nukleari.

### **2. KONSULTAZZJONI MINN QABEL**

Fit-tnejn tal-proposti preżenti, kif bħall-Programm ta' Qafas, il-Kummissjoni qieset il-fehmiet espressi mill-istituzzjonijiet oħra ta' l-UE u l-Istati Membri, kif ukoll dawk espressi f'konsultazzjoni wiesgħa minn firxa ta' persuni u entitajiet interessati, fosthom il-komunità xjentifika u l-industrija. Barra dan, il-proposti tal-Programm Speċifiku jieħdu mill-

---

<sup>1</sup> KUMM(2005) 119.

<sup>2</sup> KUMM(2005) 118.

valutazzjoni dettaljata ta' l-impatt meħuda għall-proposta tas-seba' Programm ta' Qafas<sup>3</sup> u r-riżultati ta' valutazzjoni ta' ħames snin tal-Programm ta' Qafas<sup>4</sup>.

### **3. ASPETTI LEGALI**

Il-proposti tal-Programm Speċifiku jkopri l-istess perjodu bħall-Programm ta' Qafas mill-2007 sa l-2011, li hija msejsa fuq l-Artikolu 7 tat-Trattat ta' l-Euratom. Skond it-tieni paragrafu ta' dan l-Artikolu, il-programmi ta' riċerka jitfasslu għal tul ta' mhux aktar minn ħames snin. Għalhekk, dawn il-proposti mhumiex għall-istess tul ta' żmien bħall-Programmi Speċifiċi tal-KE.

Il-Kummissjoni tipproponi li, sakemm ma jinqalgħux ċirkostanzi estenwanti, dan il-Programm Speċifiku jista' jiġi mġedded għall-perjodu bejn l-2012 u l-2013, skond il-proċedura leġislattiva prevista.

### **4. IMPLIMENTAZZJONI TAL-BAĠIT**

Id-"dikjarazzjoni finanzjarja leġislattiva" mehmuża ma' din id-Deċiżjoni tistipola l-implikazzjonijiet baġitarji u r-riżorsi umani u amministrattivi, u tipprovdi wkoll ċifri indikattivi għall-perjodu mill-2012 sa l-2013.

Il-Kummissjoni bi ħsiebha twaqqaf aġenzija eżekuttiva li tkun fdata b'ċerti ħidmiet meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-programm speċifiku ta' azzjonijiet indiretti<sup>5</sup>.

### **5. IMPLIMENTAZZJONI KOERENTI U FLESSIBBLI**

#### **5.1. L-adattament lill-ħtiġijiet u opportunitajiet ġodda**

Hu essenzjali li l-implimentazzjoni tal-Programmi Speċifiċi tkun flessibbli biżżejjed biex tħallihom jibqgħu fuq quddiemnett fl-iżviluppi xjentifiċi u teknoloġiċi fil-qasam nukleari in ġenerali u li jaqdu l-ħtiġijiet industrijali, ta' politika u soċjali li jinbtu. Għall-azzjonijiet indiretti, dan se jintlaħaq primarjament permezz tal-programmi ta' ħidma li se jiġu aġġornati fuq bażi annwali bl-għajjnuna tal-kumitati tar-rappreżentanti ta' l-Istati Membri u l-identifikazzjoni tas-suġġetti għas-sejħiet għal proposti li għadhom iridu jkunu nedija. Ir-reviżjonijiet jistgħu jsiru iktar malajr f'każ ta' prijoritajiet ġodda li jeħtieġu rispons urġenti, partikolarment li jqumu minn ħtiġijiet ta' politika mhux mbassra.

Din il-programmazzjoni multi-annwali se tibbenefika minn firxa wiesgħa ta' impulsi li jiggarantixxu li l-attivitajiet meġġuna jżommu rilevanza diretta għall-ħtiġijiet tar-riċerka li

---

<sup>3</sup> SEC(2005) 430.

<sup>4</sup> KUMM (2005) 387.

<sup>5</sup> L-Artikolu 54.2 (a) tar-Regolament Finanzjarju (KE, Euratom), jippermetti li l-Kummissjoni tafda xi ħidmiet ta' awtorità pubblika lil aġenziji eżekuttivi. Madankollu, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 58/2003 li jistabbilixxi l-istatut għall-aġenziji eżekuttivi biex ikunu fdati b'ċerti ħidmiet fil-ġestjoni tal-programmi Komunitarji, u l-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1653/2004, dwar regolament finanzjarju standard għall-aġenziji eżekuttivi skond ir-Regolament (KE) Nru 58/2003, huma Regolamenti KE li, konsegwentement, ma japplikawx fil-qasam ta' l-Euratom. Il-Kummissjoni bi ħsiebha tirrikjedi li l-Kunsill jestendi l-ambitu ta' dawn ir-Regolamenti lit-Trattat ta' l-Euratom.

jevolvu ta' l-industrija u għall-politika ta' l-UE fil-qasam nukleari. Il-grupp konsultattiv estern għall-enerġija stabbilit taħt il-Programm Speċifiku Kooperazzjoni tal-KE, bi sħubija multi-dixxiplinarja effettiva u bilanċ ta' fehmiet akkademiċi u industrijali, se tipprovdi wieħed mill-impulsi.

Impulsi esterni addizzjonali jistgħu jiġu mill-pjattaformi teknoloġiċi li l-ħolqien tagħhom jista' jkun previst, fil-futur qrib, f'xi setturi tematiċi tal-Programmi Speċifiċi.

*Fora* u gruppi oħra, bħall-Forum strateġiku Ewropew għall-infrastrutturi ta' riċerka (*ESFRI*), jistgħu jipprovdu konsulenza f'waqtha lill-Kummissjoni dwar opportunitajiet u prijoritajiet b'relevanza lis-settur ta' riċerka ta' l-Euratom.

## **5.2. Kwistjonijiet trasversali**

Il-Kummissjoni se tiżgura koerenza kumplessiva fl-implimentazzjoni tas-seba' Programm ta' Qafas ta' l-Euratom. Il-programmi ta' ħidma fil-Programmi Speċifiċi se jkun riveduti b'mod koordinat biex jippermettu li kwistjonijiet trasversali jitqiesu totalment.

Il-kumitati tar-rappreżentanti ta' l-Istati Membri għandhom ukoll responsabilità importanti billi jgħinu lill-Kummissjoni fil-koerenza u l-koordinament effettivi ta' l-implimentazzjoni bejn u fi ħdan il-Programmi Speċifiċi. Dan jimplika livell qawwi ta' koordinament fi ħdan l-Istati Membri bejn ir-rappreżentanti tal-kumitati ta' konfigurazzjonijiet differenti.

Attenzjoni partikolari għandha tingħata lil dawk l-azzjonijiet trasversali komuni għall-Euratom u għall-Programmi Speċifiċi tal-KE, per eżempju l-użu ta' reatturi avanzati fil-produzzjoni ta' l-idroġenu, jew l-iżvilupp ta' materjal avanzat. Fejn hu fattibbli fid-dawl tad-diffikultajiet maħluqa mill-eżistenza taż-żewġ Programmi ta' Qafas li ġejjin minn Trattati separati, jistgħu jintużaw sejħiet għal proposti konġunti mibnija fuq l-esperjenza miksuba mis-sitt Programm ta' Qafas.

Il-kwistjonijiet li jmiss huma ta' importanza partikolari, u huma previsti arranġamenti speċifiċi għal strateġija koordinata:

- *Kooperazzjoni internazzjonali*: Dan huwa aspekk importanti tal-programm Ewropew u se jittieħed metodu strateġiku biex jinġiebu 'l quddiem azzjonijiet f'dan ir-rigward u biex jindirizzaw kwistjonijiet speċifiċi fejn hemm interess u benefiċċju reċiproku.
- *Infrastrutturi ta' riċerka*: Jeħtieġ li jkun hemm kollaborazzjoni mill-qrib mal-programm Kapaċitajiet tal-KE biex is-sostenn għal infrastrutturi ta' riċerka nukleari jkun żgurat ma' applikazzjonijiet ta' riċerka iktar ġenerali.
- *Relazzjoni mal-politika Komunitarja*: Se jsiru arranġamenti għal koordinament effettiv fi ħdan is-servizzi tal-Kummissjoni, partikolarment biex ikun garantit li l-attivitajiet ikomplu jaqdu l-ħtiġijiet ta' l-iżviluppi ta' l-oqsma tal-politika ta' l-UE. Għan dan il-għan, il-programmazzjoni multi-annwali tista' tibbenefika mill-għajnuna tal-gruppi ta' utenti tas-servizzi differenti tal-Kummissjoni assoċjati ma' l-oqsma politiċi inkwistjoni.
- *Tixrid u trasferiment ta' l-għarfien*: Il-ħtieġa għat-tiegħ ta' l-isfruttament tar-riżultati hija karatteristika qawwija komuni għall-Programmi Speċifiċi kollha, b'enfasi partikolari fuq it-trasferiment ta' l-għarfien bejn il-pajjiżi, bejn id-dixxiplini u mill-universitajiet għall-industrija permezz tal-mobilità ta' riċerkaturi.

- *Ix-xjenza fis-soċjeta'*: Din l-attività fil-programm Kapaċitajiet tal-KE għandha punti paralleli ma' attivitajiet fis-settur nukleari, u hemm potenzjal ċar għal arrikkiment reċiproku f'oqsma bħall-kwistjonijiet ta' tmexxija u tal-partijiet interessati, l-aktar dawn assoċjati ma' l-aċċettazzjoni ta' l-impjanti kontroversjali.

## 6. SIMPLIFIKAZZJONI U METODI TA' ĠESTJONI

Simplifikazzjoni sinifikanti se tinkiseb fl-implimentazzjoni tas-seba' Programm ta' Qafas, wara l-ideat preżentati mid-Dokument ta' Ħidma tal-Kummissjoni tas-6 ta' April 2005 u d-djalogu estensiv fuq il-bażi ta' dan id-dokument. Ħafna mill-miżuri proposti għandhom ikunu ppreżentati fir-Regoli għall-Parteċipazzjoni u Tixrid, primarjament biex titnaqqas konsiderevolment il-burokrazija u tkun issimplifikata l-iskema ta' finanzjament u r-rekwiżiti ta' rapurtar.

Fi ħdan il-parti tal-fissjoni tal-Programm Speċifiku għall-azzjonijiet indiretti, se jkun propost titjib li hu paragonabbli ma' daww imbassar għall-azzjonijiet fil-parti dwar il-kollaborazzjoni tal-programm tal-KE.

## 7. KONTENUT TAL-PROGRAMMI SPEĊIFIĊI

### 7.1. Riċerka nukleari u attivitajiet ta' taħriġ (azzjonijiet indiretti)

Dan il-Programm Speċifiku jkopri ż-żewġ prijoritajiet tematiki li jmiss:

(i) **Riċerka fil-qasam ta' l-enerġija mill-fużjoni:** li jiġi żviluppat il-bażi ta' l-għarfien għal, u għat-twertiq ta' l-ITER bħala pass ewlieni lejn il-ħolqien ta' reatturi ta' prototip għall-impjanti ta' l-enerġija li jkunu sikuri, sostenibbli, ambjentalment responsabbli u ekonomikament vijabbli. Din il-prijorità tematika tinkludi l-oqsma ta' attività li ġejjin:

- It-twertiq ta' l-ITER
- Riċerka u Żvilupp (*R&D*) bi tħejjija għall-operazzjoni ITER
- Attivitajiet teknoloġiċi bi tħejjija għal DEMO
- Attivitajiet *R&D* għall-medda ta' żmien twil
- Ir-riżorsi umani, l-educazzjoni u t-taħriġ
- Infrastruttura
- Qadi tal-ħtiġijiet emerġenti u imprevisti ta' natura politika.

(ii) **Il-fissjoni nukleari u l-ħarsien mir-radjazzjoni:** biex jinġiebu 'l quddiem l-użu u l-isfruttament sikuri tal-fissjoni nukleari u użi oħra tar-radjazzjoni fl-industrija u fil-mediċina. Din il-prijorità tematika tinkludi l-oqsma ta' attività li ġejjin:

- Il-ġestjoni ta' l-iskart radjoattiv
- Is-sistemi tar-reatturi

- Il-ħarsien mir-radjazzjoni
- Sostenn u aċċess għall-infrastrutturi ta' riċerka
- Riżorsi umani u taħriġ inklużi l-mobilità.

Ġeneralment, dan il-Programm Speċifiku jirrappreżenta elementi qawwija ta' kontinwità ma' programmi ta' qafas preċedenti mibnija fuq il-valur miżjud muri sew tas-sostenn Ewropew ta' dan it-tip. Minbarra dan, hemm novitajiet importanti f'dan il-Programm Speċifiku li jeħtieġu konsiderazzjoni speċifika għall-implimentazzjoni:

- strateġija msaħħa għall-koordinament ta' programmi ta' riċerka nazzjonali fil-qasam tal-fissjoni nukleari u ħarsien kontra r-radjazzjoni.
- L-implimentazzjoni konġunta ta' l-ITER f'qafas internazzjonali, it-twaqqif ta' Impriża Konġunta Euratom għall-ITER, u iżjed tisħiħ tal-koordinament ta' l-attivitajiet Ewropej ta' riċerka integrati fil-qasam ta' l-enerġija mill-fużjoni.
- strateġija aktar immirata lejn il-kooperazzjoni internazzjonali fi ħdan kull tema hija prevista ma' l-identifikazzjoni ta' azzjonijiet ta' kooperazzjoni speċifiċi fil-programmi ta' ħidma konformi mal-metodu strateġiku fil-kooperazzjoni internazzjonali prevista.
- Kull tema se jkun meġħjun minn komponent li se jippermetti rispons flessibbli għall-ħtiġijiet li jinħolqu u għall-ħtiġijiet imprevisi ta' natura politika u l-implimentazzjoni se tinbena fuq l-esperjenza miksuba mill-Programmi ta' Sostenn Xjentifiku lill-oqsma tal-politika u Skemi tax-xjenza u teknoloġija ġodda u emerġenti introdotti fis-Sitt Programm ta' Qafas, kif ukoll l-Iskema għat-Teknoloġija Ġdida u Emerġenti fis-settur tat-teknoloġiji ta' l-informazzjoni u tal-komunikazzjoni (*ICT*).

Matul il-validità ta' dan il-Programm Speċifiku, u l-estensjoni prevista sa l-2013, jistgħu jinbtu l-opportunitajiet għall-ħolqien ta' Impriża Konġunta, per eżempju fil-qasam tal-ġestjoni ta' l-iskart radjoattiv.<sup>6</sup> Is-servizzi tal-Kummissjoni se jressqu proposti lill-Kunsill għall-ħolqien ta' din l-impriża fi żmien xieraq.

## **7.2. Iċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka (*JRC*) (azzjonijiet diretti)**

Il-*JRC* għandu jimplementa l-missjoni tiegħu billi jqis l-evoluzzjoni interna fi ħdan is-serizzi tal-Kummissjoni, kif ukoll il-kuntest Ewropej u dak dinji fil-qasam nukleari.

Għal dan il-għan, it-tisħiħ tar-relazzjonijiet tal-*JRC* ma' l-organizzazzjonijiet ta' riċerka ta' l-Istati Membri se jkun sistematikament segwit.

B'kollegament ma' l-aġenda ta' Liżbona u fuq talba tal-parti l-kbira ta' l-interessati fil-*JRC*, il-*JRC* se jagħmel sforz sinifikanti fuq it-taħriġ u l-ġestjoni ta' l-għarfien. Il-*JRC* se jkompli l-attivitajiet ta' *R&D* tiegħu fl-oqsma marbuta mal-ġestjoni ta' l-iskart u l-impatt ambjentali.

<sup>6</sup> Ara l-Memorandum ta' Spjegazzjoni mal-proposta tal-Kummissjoni riveduta għall-“Pakkett Nukleari” - KUMM(2004) 526, tat-8.9.2004.

Fis-sikurezza nukleari, il-bidliet l-iktar importanti huma tweġiba għall-iżviluppi tal-politika Komunitarja, il-ħtiġijiet ġodda espressi mis-servizzi tal-Kummissjoni u lill-parteċipazzjoni tal-Komunità fl-inizjattiva internazzjonali, bħall-*Generation IV*.

Il-*JRC* ilu involut fis-sikurezza nukleari għal 30 sena, iżda l-kuntest internazzjonali nbidel konsiderevolmente f'dawn l-aħħar snin u d-dimensjoni tan-non-proliferazzjoni qed issir aktar importanti. Madankollu, evoluzzjoni interna tas-Servizzi tal-Kummissjoni sserraħ ukoll fuq sostenn kontinwu tal-*JRC* f'oqsma aktar tradizzjonali.

## **8. IL-BINI TA' L-ERA TA' L-GĦARFIEN GĦAT-TKABBIR**

Il-ksib tal-progress mgħaġġel meħtieġ lejn ekonomija u soċjetà ta' l-għarfien jirrikjedi ambizzjoni u effettività ġodda fir-riċerka Ewropea. L-atturi kollha madwar l-Unjoni Ewropea – il-gvernijiet nazzjonali, l-istabbilimenti ta' riċerka, l-industrija – għandhom ir-rwol tagħhom.

Il-Programmi Speċifiċi kollha li jimplementaw is-seba' Programmi ta' Qafas (KE u Euratom) huma maħsuba biex ikabbru kemm jista' jkun l-amplifikazzjoni u l-impatt tan-nefqa għar-riċerka fuq livell Ewropew fi ħdan il-baġit disponibbli. Il-karatteristiċi ewlenin huma: l-attenzjoni fuq il-prijoritajiet tematiċi fil-Programmi Speċifiċi korrispondenti flimkien ma' l-attivitajiet u l-mezzi għall-implimentazzjoni maħsuba biex jilħqu dawn l-għanijiet; element qawwi ta' kontinwità; attenzjoni konsistenti fuq is-sostenn ta' l-eċċellenza eżistenti u l-ħolqien ta' kapaċità għall-eċċellenza tar-riċerka ta' għada; ġestjoni razzjonalizzata u simplifikata biex tiggarrantixxi użu faċli li jinftiehem u effettività f'termini ta' nefqa; u flessibilità intrinsika sabiex il-Programm ta' Qafas ikun jista' jaqdi l-ħtiġijiet u l-opportunitajiet ġodda.

Proposta għal

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**Dwar il-Programm Speċifiku li għandu jitwettaq permezz ta' azzjonijiet diretti miċ-Ċentru ta' Riċerka Konġunta li jimplimenta s-Seba' Programm ta' Qafas (2007-2011) tal-Komunità Ewropea ta' l-Enerġija Atomika (Euratom) għal attivitajiet ta' taħriġ u riċerka nukleari**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea ta' l-Enerġija Atomika, u partikolarment l-Artikolu 7 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni<sup>7</sup>,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew<sup>8</sup>,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew<sup>9</sup>,

Billi:

- (1) Skond l-Artikolu 7 tat-Trattat, id-Deċiżjoni Nru .../Euratom tal-Kunsill kwar is-Seba' Programm ta' Qafas tal-Komunità Ewropea ta' l-Enerġija Atomika għal attivitajiet ta' riċerka u taħriġ, (mill-2007-2011) (minn hawn 'il quddiem 'il-Programm ta' Qafas') se jiġi implimentat permezz ta' programmi speċifiċi li jiddefinixxu regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tagħhom, jistipolaw it-tul tagħhom u jipprevedu l-mezzi li jitqiesu meħtieġa.
- (2) Iċ-Ċentru Konġunt ta' Riċerka, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ 'il-JRC' għandu jimplimenta l-attivitajiet ta' riċerka u taħriġ imwettqa permezz ta' l-hekk imsejħa Attivitajiet Diretti taħt Programm Speċifiku JRC li jimplimenta l-Programm ta' Qafas tal-KE.
- (3) Fl-implimentazzjoni tal-missjoni tiegħu iċ-Ċentru ta' Riċerka Konġunta (JRC) għandu jipprovi appoġġ tekniku u xjentifiku, immexxi mill-klijent, lill-proċess ta' tfassil tal-politika ta' l-UE, sabiex b'hekk jassigura l-appoġġ lill-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tal-politika eżistenti u jwieġeb għal talbiet ta' politika ġdida. Sabiex iwettaq il-missjoni tiegħu, il-JRC jagħmel riċerka ta' kwalità għolja.

---

<sup>7</sup> ĠU C [...], [...], p. [...].

<sup>8</sup> ĠU C [...], [...], p. [...].

<sup>9</sup> ĠU C [...], [...], p. [...].

- (4) Fl-implimentazzjoni ta' dan il-programm, għandha tingħata importanza lill-mobbiltà u t-taħriġ tar-riċerkaturi, u l-innovazzjoni, fil-Komunità. Partikolarment, il-JRC għandu jwettaq attivitajiet ta' taħriġ xierqa fis-sikurezza u s-sigurtà nukleari.
- (5) Il-programm speċifiku preżenti għandu jiġi implimentat b'mod flessibbli, effiċjenti u trasparenti, filwaqt li jitqiesu l-ħtiġijiet rilevanti tal-politika tal-JRC fir-rigward ta' l-utenti u l-Komunità, kif ukoll li jiġi rrispettat l-għan li jitħarsu l-interessi finanzjarji tal-Komunità. L-attivitajiet ta' riċerka mwettqa taħt il-programm għandhom jiġu adattati fejn xieraq għal dawn il-ħtiġijiet u għall-iżviluppi xjentifiċi u teknoloġiċi u għandhom jimmiraw li jiksbu l-eċċellenza xjentifika.
- (6) Ir-regoli għall-parteċipazzjoni ta' impriżi, ċentri ta' riċerka u universitajiet u għat-tixrid tar-riżultati tar-riċerka, għall-Programm ta' Qafas tal-KE (minn hawn 'il quddiem 'ir-regoli għall-parteċipazzjoni u t-tixrid') marbuta ma' azzjonijiet diretti għandhom japplikaw ukoll għall-attivitajiet ta' riċerka u żvilupp imwettqa taħt dan il-Programm Speċifiku.
- (7) Għall-għanijiet ta' l-implimentazzjoni ta' dan il-programm, flimkien mal-kooperazzjoni koperta mill-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea jew minn Ftehim ta' Assoċjazzjoni, tista' tkun xierqa l-parteċipazzjoni f'attivitajiet ta' kooperazzjoni internazzjonali, b'mod partikolari fuq il-bażi ta' Artikoli 2h, 101 u 102 tat-Trattat, ma' pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali.
- (8) Fil-kuntest ta' l-attivitajiet ta' tkabbir u integrazzjoni, il-JRC għandu l-għan li jipromwovi l-integrazzjoni ta' organizzazzjonijiet u riċerkaturi ta' l-Istati Membri l-ġodda fl-attivitajiet tiegħu partikolarment fl-implimentazzjoni tal-komponenti xjentifiċi u teknoloġiċi ta' l-*acquis*, kif ukoll kooperazzjoni ikbar ma' dawk minn Pajjiżi Kandidati, dawk fil-proċess ta' l-adeżjoni. Huwa wkoll previst ftuħ progressiv fir-rigward tal-Pajjiżi Ġirien, speċifikament fuq temi prijoritarji tal-Politika Ewropea tal-Viċinat.
- (9) Attvitajiet ta' riċerka mwettqa taħt dan il-Programm Speċifiku għandhom jirrispettaw il-prinċipji fundamentali ta' l-etika, inklużi dawk li huma riflessi fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali ta' l-Unjoni Ewropea.
- (10) Il-JRC għandu jkompli jiġġenera riżorsi addizzjonali permezz ta' attivitajiet kompetittivi; dawn jinkludu l-parteċipazzjoni fl-azzjonijiet indiretti tal-Programm ta' Qafas, ħidma ta' partijiet terzi u, f'livell inqas, l-esplojtazzjoni tal-proprietà intellettuali.
- (11) Għandha tiġi assigurata tmexxija finanzjarja tajba tal-Programm ta' Qafas u l-implimentazzjoni tiegħu bl-aktar mod effettiv u aċċessibbli possibbli, u l-parteċipanti kollha għandu jkollhom aċċess faċli, f'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 tar-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej, ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2342/2002 tat-23 ta' Diċembru 2002 li jistipula r-regola dettaljata għall-implimentazzjoni tar-Regolament Finanzjarju u kull emenda futura.
- (12) Għandhom jittieħdu miżuri xierqa sabiex ma jsirux irregolaritajiet u frodi u għandhom jittieħdu l-passi meħtieġa sabiex jiġu rkuprati l-fondi mitlufa, imħallsa bi żball jew

użati kif mhux suppost, skond ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej, ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2342/2002 tat-23 ta' Diċembru 2002 li jistipula r-regoli ddettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament Finanzjarju u kull emenda futura, ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2988/95 tat-18 ta' Diċembru 1995 dwar il-protezzjoni ta' l-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea<sup>10</sup>, (Euratom, KE) Nru 2185/96 tal-11 ta' Novembru 1996 dwar il-verifiki u l-ispezzjonijiet fuq il-post imwettqa mill-Kummissjoni sabiex tiproteġi l-interessi finanzjarji tal-Komunitajiet Ewropej kontra l-frodi u irregolaritajiet oħra<sup>11</sup> u r-Regolament (KE) Nru 1074/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar investigazzjonijiet immexxija mill-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF)<sup>12</sup>.

- (13) Il-Kummissjoni għandha maż-żmien tiegħu l-miżuri sabiex issir evalwazzjoni indipendenti li tikkonċerna l-attivitajiet imwettqa fl-oqsma koperti minn dan il-programm.
- (14) Il-Kumitat Xjentifiku u Tekniku u l-Bord tal-Gvernaturi tal-JRC ġew ikkonsultati dwar il-kontenut xjentifiku u teknoloġiku ta' dan il-Programm Speċifiku.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

#### *Artikolu 1*

Il-Programm Speċifiku marbut ma' l-azzjonijiet diretti f'attivitajiet ta' riċerka u taħriġ li għandhom jitwettqu miċ-Ċentru ta' Riċerka Konġunta, minn hawn 'il quddiem "il-Programm Speċifiku" huwa b'dan adottat għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2007 sal-31 ta' Diċembru 2011.

#### *Artikolu 2*

Il-Programm Speċifiku għandu jstabbilixxi l-attivitajiet għall-azzjonijiet nukleari taċ-Ċentru ta' Riċerka Konġunta, u jappoġġa l-firxa sħiħa ta' azzjonijiet ta' riċerka mwettqa b'kooperazzjoni trans-nazzjonali fl-oqsma tematiċi li ġejjin:

- (a) Il-ġestjoni ta' skart nukleari, l-impatt ambjentali u għarfien bażiku
- (b) Is-sikurezza Nukleari
- (c) Is-sigurtà nukleari

L-għanijiet u l-linji wiesgħa ta' dawk l-attivitajiet jingħataw fl-Anness I.

---

<sup>10</sup> ĠU L 312, tat-23.12.1995, p. 1.

<sup>11</sup> ĠU L 292, tal-15.11.1996, p. 2.

<sup>12</sup> ĠU L 136, tal-31.5.1999, p. 8.

### *Artikolu 3*

Skond l-Artikolu 3 tal-Programm ta' Qafas, l-ammont li jitqies meħtieġ għat-twettiq tal-Programm Speċifiku għandu jkun ta' EUR 539 miljun.

### *Artikolu 4*

- (1) L-attivitajiet kollha ta' riċerka mwettqa taħt il-Programm Speċifiku għandhom jitwettqu f'konformità mal-prinċipji fundamentali ta' l-etika.
- (2) L-oqsma li ġejjin m'għandhomx jiġu finanzjati taħt dan il-programm:
  - attivitajiet ta' riċerka li huma pprojbiti fl-Istati Membri kollha,
  - attivitajiet ta' riċerka li għandhom jitwettqu fi Stat Membru fejn din it-tip ta' riċerka hija pprojbita

### *Artikolu 5*

- (1) Il-Programm Speċifiku għandu jiġi implimentat permezz ta' azzjonijiet diretti kif stabbiliti fl-Anness II għall-Programm ta' Qafas.
- (2) Ir-regoli għall-parteċipazzjoni u t-tixrid marbuta ma' azzjonijiet diretti għandhom japplikaw għal dan il-Programm Speċifiku.

### *Artikolu 6*

- (1) Il-Kummissjoni għandha tfassal Programm ta' Ħidma għall-implimentazzjoni tal-Programm Speċifiku, li juri f'faktar dettall l-għanijiet u l-prijoritajiet xjentifiċi u teknoloġiċi elenkati fl-Anness I, u l-iskeda għall-implimentazzjoni.
- (2) Il-Programm ta' Ħidma multi-annwali għandu jqis l-attivitajiet rilevanti ta' riċerka mwettqa mill-Istati Membri, l-Istati Assoċjati u organizzazzjonijiet Ewropej u internazzjonali. Għandu jiġi aġġornat fejn xieraq.

### *Artikolu 7*

Il-Kummissjoni tiegħu l-miżuri xierqa sabiex issir l-evalwazzjoni indipendenti prevista fl-Artikolu 6 tal-Programm ta' Qafas li għandha titwettaq fir-rigward ta' l-attivitajiet imwettqa fl-oqsma koperti mill-Programm Speċifiku.

### *Artikolu 8*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussell,

*Għall-Kunsill  
Il-President*

## ANNEX – Il-Programm ta' l-Euratom tal-JRC

### 1. L-GĦAN

Li jingħata appoġġ, immexxi mill-klijent, ta' natura xjentifika u teknika lill-politika ta' l-UE relatata ma' l-enerġija nukleari, ma' l-iżgurar ta' l-appoġġ għall-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tal-politika tal-preżent u għar-risposta tal-ħtiġijiet ġodda tal-politika.

### 2. L-ISTRATEĠIJA

Il-missjoni tal-JRC hi li tagħti appoġġ, immexxi mill-klijent, ta' natura xjentifika u teknika għall-ħsieb, l-iżvilupp, l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tal-politika tal-Komunità. Il-missjoni tal-JRC tenfasizza wkoll il-bżonn għall-JRC li jagħmel attivitajiet ta' riċerka ta' kwalità għolja b'rabta mill-qrib ma' l-industrija u entitajiet oħrajn u li tiżviluppa *networks* ma' istituzzjonijiet pubbliċi u privati fl-Istati Membri. Fl-attivitajiet kollha tal-JRC dawn iż-żewġ dimensjonijiet huma preżenti, iżda l-importanza rispettiva tagħhom tvarja minn appoġġ dirett lis-Servizzi tal-Kummissjoni għal riċerka bażika meħuda f'perspettiva wiesgħa Ewropea jew internazzjonali.

L-attivitajiet nukleari tal-JRC jaraw li jissodisfaw l-obbligi tar-Riċerka u l-Iżvilupp tat-Trattat ta' l-Euratom u li jappoġġjaw kemm lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri fil-qasam tas-salvagwardji u n-non-proliferazzjoni, l-immaniġġjar ta' l-iskart, is-sikurezza fl-installazzjoni nukleari u ċ-ċiklu tal-fjuwil, ir-radjoattività fl-ambjent u l-ħarsien mir-radjazzjoni.

L-għan ta' dan il-programm speċifiku huwa biex jiżviluppa u jgħaqqad flimkien l-għarfien, biex jipprovdi informazzjoni u appoġġ kruċjali ta' natura xjentifika/teknika għas-sikurezza/sigurtà u l-affidabilità, is-sostenibilità u l-kontroll ta' l-enerġija nukleari, inklużi l-aspetti relatati ma' sistemi innovattivi/tal-futur. Bis-sehem fl-azzjonijiet indiretti tal-Programm ta' Qafas ikun hemm impenn sħiħ għal kumplimentarjetà mal-programmi ta' ħidma istituzzjonali, kif imsemmi fit-taqsimha 3 hawn taħt.

Wieħed mill-elementi ta' tħassib illum il-ġurnata fil-qasam nukleari hu t-telfa ta' l-għarfien espert u speċjalment it-teknoloġija u l-inġinerija għat-trattament tal-materjal radjoattiv u l-oqsma tar-radjazzjoni. Il-JRC se jkompli jaġixxi bħala referenza Ewropea għat-tixrid ta' l-informazzjoni, it-taħriġ u l-edukazzjoni għal xjenzjati żgħażaġħ.

### 3. L-ATTIVITAJIET

#### 3.1. L-immaniġġjar ta' skart nukleari, l-impatt fuq l-ambjent u t-tagħrif bażiku

##### 3.1.1. Karatterizzazzjoni, ħażna u rimi ta' fjuwil użat

L-immaniġġjar ta' fjuwil użat u ta' skart nukleari b'livell għoli jinvolvi l-kundizzjonar tat-trasport, il-ħażna u r-rimi ġeoloġiku. Għan prinċipali hu li jiġi evitat ir-rilaxx ta' radjonuklidi fil-bijosfera fuq perjodu ta' żmien twil. Id-disinn, l-evalwazzjoni u t-tħaddim tas-sistema ta' ostakolazzjoni maħduma u naturali fuq il-perjodi ta' żmien relevanti huma komponenti prinċipali għall-kisba ta' dawn l-għanijiet u jiddependu *inter alia* fuq l-imġiba tal-fjuwil.

Il-*JRC* għandu l-għan li jikseb informazzjoni dwar l-imġieba fuq perjodu ta' żmien twil tal-fjuwil użat u li jiżviluppa metodi għall-evalwazzjoni affidabbli tas-sistemi maħduma bl-enfasi fuq l-integrità tal-pakketti ta' skart u l-*benchmarking* ta' kriterji ta' deċiżjoni orjentati fuq ir-riskju.

L-esperimenti fil-laboratorju dwar l-imġieba tal-fjuwil taħt kundizzjonijiet rappreżentattivi għandhom jipprovdu kontribut relevanti għall-mudelli għal previżjonijiet fuq perjodu ta' żmien twil u jippermettu l-validazzjoni tagħhom. Il-*JRC* għandu wkoll jipparteċipa fi sforzi varji Ewropej għal soluzzjonijiet għar-rimi mingħajr periklu ta' l-iskart u jappoġġja b'mod attiv it-trasferiment ta' l-għarfien bejn pajjiżi differenti.

### 3.1.2. *Tqassim, Trażmutazzjoni u Kundizzjonar*

L-isfidi prinċipali ta' dan il-programm jibqgħu kemm l-aħjar użu tat-tqassim tal-fjuwil biex jiġu separati radjonuklidi b'ħajja twila magħżula kif ukoll il-fabbrikazzjoni u l-karatterizzazzjoni ta' miri mingħajr periklu u affidabbli għat-trażmutazzjoni ta' l-*actinide*.

L-istudju ta' dawn l-istrateġiji alternattivi ta' l-immaniġġjar ta' l-iskart qed ikompli jiġbed attenzjoni kbira, minħabba li dawn jistgħu jnaqqsu b'mod konsiderevoli l-periklu fuq perjodu ta' żmien twil tar-rimi ta' l-iskart. Għat-trażmutazzjoni, huma kkunsidrati reatturi, kemm veloċi u termali, flimkien ma' impjanti ddedikati għall-ħruq ta' l-*actidine*. Ħafna mill-kunċetti proposti għal sistemi ta' reatturi għall-futur jinkorporaw separazzjoni ta' radjonuklidi selettiva bħal din.

Tnaqqis kbir ta' l-ammont ta' radjonuklidi b'ħajja twila u tnaqqis sostanzjali tal-volum fl-impjanti ta' l-iskart għandhom iwasslu għall-iżvilupp ta' matriċi li ma jirreaġixxux għall-kundizzjonar ta' HLW li, fuq perjodu ta' żmien twil, għandu jippreżenta titjib prinċipali fl-immaniġġjar ta' l-iskart nukleari.

Il-*JRC* se jopera impjanti ġodda għat-tqassim avanzat u għall-produzzjoni ta' l-fjuwils u l-miri (il-Laboratorju Minuri ta' l-*Actinides*) f'din iż-żona. Se jmexxi wkoll testijiet ta' l-irradjazzjoni fuq il-miri u l-fjuwils, kif ukoll jirriproduċi dejta nukleari bażika għat-trażmutazzjoni. Fl-aħħarnett, id-durabilità kimika tal-matriċi għal-ikkundizzjonar ta' l-*actinides* se tiġi determinata mill-istudji tal-korrużjoni u tal-lissija.

### 3.1.3. *Riċerka bażika ta' l-actinides*

L-attivitajiet bażiċi ta' riċerka jimmiraw li jipprovdu l-għarfien bażiku biex jirfed il-komprensjoni tal-proċessi fiżiċi fil-fjuwil nukleari (mill-produzzjoni ta' enerġija għall-immaniġġjar ta' l-iskart) u huma marbuta mill-qrib ma' l-attivitajiet tat-taħriġ u l-edukazzjoni. L-azzjonijiet ta' riċerka bażika se jiffukaw fuq il-propjetajiet termofiziċi tal-materjali, il-propjetajiet tal-wiċċ tas-sistemi li fihom l-*actinides* u l-propjetajiet fundamentali fiżiċi u kimiċi.

L-istabbilimenti tal-*JRC* bħal-Laboratorju ta' l-Utent ta' l-*Actinides* se jkompli jospita x-xjenzjati, b'mod partikolari, mill-universitajiet Ewropej.

#### 3.1.4. *Dejta Nukeari*

Id-disinji proposti għall-*burners* ddedikati ta' l-*actinide* minuri u l-kunċetti avvanzati għal produzzjoni ta' l-enerġija nukleari jirriżultaw f'talbiet ġodda għal dejta nukleari bi preċiżjoni mtejba b'mod sinifikanti.

Il-*JRC* se jwettaq kejl ta' dejta nukleari għall-immaniġġjar ta' l-iskart nukleari. L-iżviluppi teknoloġiċi ġodda wasslu għal tiġib sinifikanti fil-kapaċitajiet tal-kejl. Il-*JRC* jħaddan sforz importanti fl-iżvilupp ta' teorija bażika nukleari għall-immudellar ta' reazzjonijiet mhux aċċessibbli b'modi sperimentali.

Il-metroloġija tar-radjunuklidi tikkomplimenta dan ix-xogħol permezz ta' kejl għal dejta aħjar dwar it-tmermir nukleari tal-materjali fissili u l-prodotti ta' fissjoni. Hemm bżonn ta' dejta sperimentali preċiża għal validazzjoni ta' teoriji u mudelli li fuqhom huma bbażati r-regolamenti dwar il-ħarsien mir-radjazzjoni.

#### 3.1.5. *Applikazzjonijiet mediċi mir-riċerka nukleari*

Irriżultaw għadd ta' applikazzjonijiet mediċi mill-impjanti nukleari u l-għarfien espert tal-*JRC*. Dawn jiġu minn riċerka dwar il-produzzjoni ta' l-isotopi ġodda, mill-iżvilupp ta' materjali ta' referenza u mill-appoġġ għat-terapiji ġodda għall-kanċer. Il-*JRC* jimmira li jagħmel disponibbli dawn l-applikazzjonijiet ġodda għall-implimentazzjoni mill-ispertarjiet u l-industrija farmaċewtika.

#### 3.1.6. *Il-Kejl tar-Radjuattività fl-ambjent*

Il-*JRC* qed japplika l-għarfien espert tiegħu fl-analiżi tat-traċċi għall-verifika ta' rimi u emissjonijiet minn installazzjonijiet nukleari. Ix-xogħol jinkludi wkoll studji dwar speċjazzjoni, il-mudelli ta' migrazzjoni fil-bijosfera u r-radju-tossikoloġija ta' l-*actinides*. Bil-ħsieb ta' dawn il-limiti ġodda għar-radjunuklidi fl-ingredjenti ta' l-ikel, il-*JRC* se jiżviluppa tekniki analitiċi u jipproduċi l-materjali korrispondenti ta' referenza. Se jiġi organizzat tqabbil inter-laboratorju mal-laboratorji ta' monitoraġġ ta' l-Istati Membri biex tiġi evalwata il-komparabbiltà tad-dejta ta' monitoraġġ rrapportata u għall-appoġġ ta' l-armonizzazzjoni tas-sistemi ta' kejl għar-radjuattività.

#### 3.1.7. *Immaniġġjar ta' l-Għarfien, Taħriġ u Edukazzjoni*

Huwa importanti li l-ġenerazzjonijiet ta' xjenzjati u inġiniera nukleari jsostnu u jiżviluppaw aktar l-għarfien tar-riċerka nukleari permezz ta' esperimenti, riżultati, interpretazzjonijiet u ħiliet miksuba fil-passat. Dan japplika l-iżjed għal oqsma fejn l-esperjenza ta' tliet deċennji ta' analiżi ta' prestazzjoni u sikurezza tar-reatturi kienu kkonċentrati f'għodod kumplessi u analitiċi bħall-mudelli u l-kodiċi tal-kompjuter. Il-*JRC* se jgħin biex jagħmel dan l-għarfien disponibbli, organizzat sew u dokumentat tajjeb u fl-appoġġ ta' attivitajiet ta' edukazzjoni ogħla fl-Ewropa. Barraminnekk, il-*JRC* se jikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' komunikazzjoni aħjar dwar il-kwistjonijiet nukleari, b'mod partikolari fir-relazzjonijiet ma' l-aċċettabiltà pubblika u iktar globalment dwar strateġiji għall-għarfien kumplessiv dwar l-enerġija.

## **3.2. Salvagwardji Nukleari**

### *3.2.1. Sikurezza tar-reatturi nukleari*

Sabiex jinżamm u jitjib il-livell ta' sikurezza tat-tipi ta' pjanti ta' enerġija nukleari kemm tal-Punent kif ukoll dawk Russi, għandhom jiġu estiżi u vvalidati l-metodoloġiji avvanzati u rfinati ta' evalwazzjoni tas-sikurezza. Se jitwettqu investigazzjonijiet immirati sperimentali biex jgħinu l-validazzjoni u l-verifika ta' l-għodod ta' evalwazzjoni għas-sikurezza u jtejbu l-għarfien tal-proċessi u l-fenomeni fiżiċi bażiċi. Il-*JRC* huwa involut bi sħiħ fl-isforzi internazzjonali għas-sikurezza avvanzata tar-reatturi nukleari.

### *3.2.2. Is-sikurezza tal-fjuwil nukleari fir-reatturi ta' l-enerġija li qed joperaw fl-UE*

Is-sikurezza tal-fjuwil tiffoka fuq il-prevenzjoni u l-mitigazzjoni tal-konsegwenzi ta' l-inċidenti ipotetiċi. Iż-żewġ aspetti ewlenin f'dan il-qasam ta' riċerka huma l-integrità mekkanika ta' l-assemblaġġ tal-fjuwils waqt il-ħajja tar-reattur, u r-rispons tal-fjuwil għal kundizzjonijiet transitorji u għal kundizzjonijiet ta' inċidenti gravi bir-reatturi sakemm tinħall il-qalba.

F'dan il-kuntest il-*JRC* huwa involut fl-istrategġija kurrenti ta' l-iżvilupp tal-fjuwil mmirata biex ittejjeb is-sikurezza u tnaqqas il-ħażniet ċivili u militari tal-plutonju. Il-*JRC* se juża l-*HFR* biex jittestja l-imġieba u l-propjetajiet tal-fjuwil. Se jsir ukoll kejl tal-propjetajiet li jaffettwaw il-prestazzjoni.

### *3.2.3. It-tħaddim sikur ta' Sistemi Avvanzati ta' l-Enerġija Nukleari*

Madwar id-dinja kollha, strategġiji tar-reatturi ġodda huma kkunsidrati bħala tema għal riċerka miftuħa; per eżempju, ix-xenarju tal-*Generation IV Roadmap*, ispirati minn evalwazzjoni komprensiva li tinkludi t-tħassib tal-pubbliku, bħas-sikurezza mtejjba, inqas skart u reżistenza aħjar għall-proliferazzjoni.

Huwa essenzjali li l-*JRC* jkun parti, direttament u fil-koordinazzjoni tal-kontributi Ewropej, f'din l-inzjattiva globali fejn huma involuti l-organizzazzjonijiet prinċipali tar-riċerka. Dan jinkludi primarjament l-aspetti ta' sikurezza u salvagwardja taċ-ċikli nukleari tal-fjuwil, b'mod partikolari l-karatterizzazzjoni, it-testijiet u l-analiżi tal-fjuwils ġodda. Se jiġu indirizzati l-iżvilupp tal-miri għas-sikurezza u l-kwalità, ir-rekwiżiti għas-sikurezza u l-metodoloġija avvanzata għall-evalwazzjoni tar-reatturi. Din l-informazzjoni se tiġi mxerrda sistematikament lill-awtoritajiet ta' l-Istati Membri interessati u s-servizzi tal-Kummissjoni, b'mod partikolari permezz ta' laqgħat regolari ta' koordinazzjoni.

## **3.3. Sigurtà nukleari**

### *3.3.1. Salvagwardji Nukleari*

L-attivitajiet tal-*JRC* f'dan il-qasam huma magħmula minn appoġġ tekniku għas-servizzi tal-Kummissjoni, fl-ambitu tat-Trattat EURATOM, u għall-IAEA (Aġenzija Internazzjonali dwar l-Enerġija Atomika), fl-ambitu tat-Trattat tan-Non-Proliferazzjoni. L-għan huwa li jiġu implimentati għodod aħjar u iktar awtomazzjoni għall-analiżi ta' l-informazzjoni biex jitnaqqas kemm l-ammont ta' xogħol ta' l-ispettur kif ukoll it-toqol fuq l-industrija nukleari.

Għalkemm il-*JRC* għandu iktar minn 30 sena esperjenza fl-appoġġ tat-Trattati tal-Euratom u tan-Non-Proliferazzjoni, t-titjib u l-innovazzjonijiet tekniċi jkomplu jinħtieġu sabiex jinplimentaw il-politika li qed tevolvi tas-salvagwardji. L-attività tal-*JRC*, waqt li tevolvi biex tlaħħaq ma' dawn l-miri, se tkompli tinkludi kemm verifika u individwazzjoni kif ukoll teknoloġiji ta' trażżin u sorveljanza, metodi ta' miżuri għall-materjal nukleari, il-produzzjoni ta' materjali ta' referenza nukleari, u li jingħata taħriġ, speċjalment lill-ispetturi ta' l-IAEA u tal-Kummissjoni.

### 3.3.2. *Protokoll Addizzjonali*

Il-Protokoll Addizzjonali jimmira biex jiżgura l-assenza ta' l-operazzjonijiet nukleari mhux dikjarati. Fl-implimentazzjoni tiegħu jeħtieġ għadd ta' tekniki li huma differenti minn dawk involuti fil-verifika tal-kontinwazzjoni tal-materjal nukleari. Jeħtieġ deskrizzjoni globali ta' l-attivitajiet nukleari ta' pajjiż, dispożizzjoni għal dikjarazzjonijiet estensivi tal-postijiet u rekwiżiti ta' spezzjonijiet iktar varjati. Dawn jistgħu jinkludu monitoraġġ mhux fuq il-post u attivitajiet ta' monitoraġġ barra il-konfini ta' l-impjant u analiżi tal-partiċella ta' l-ambjent bħala għodda biex tiskopri attivitajiet nukleari mhux iddikjarati.

L-għanijiet tal-*JRC* huma li jersaq lejn aġġornament f'waqtu tat-trasferimenti tal-materjal nukleari u analiżi ta' informazzjoni integrata. Il-*JRC* se jaħdem b'mod partikolari fuq l-iżvilupp u l-validazzjoni ta' l-għodod għall-analiżi ta' informazzjoni u fuq metodoloġija bbażata fuq analiżi ta' sistemi.

### 3.3.3. *Kollezzjoni ta' Informazzjoni minn kull sors dwar in-Non-Proliferazzjoni Nukleari*

Bil-għan li jingħata appoġġ lis-servizzi tal-Kummissjoni u għall-kollaborazzjoni ma' l-IAEA u l-awtoritajiet ta' l-Istati Membri, il-*JRC* se jkompli jiġbor sistematikament u janalizza informazzjoni minn sorsi varji (internet, letteratura speċjalizzata, *databases*) dwar kwistjonijiet ta' non-proliferazzjoni nukleari (possibilmment b'estensjoni fid-*WMD* (Armi tal-Qirda tal-Massa) u sistemi oħra ta' konsenja). Din l-informazzjoni ser tintuża biex tipproduċi rapporti dwar il-pajjiż fejn l-evoluzzjoni ta' l-attivitajiet nukleari u ta' l-importazzjoni u/jew l-esportazzjoni tat-tagħmir u t-teknoloġija nukleari għall-użu doppju jew dirett fil-pajjiżi magħżula se jiġu segwiti mill-qrib. L-informazzjoni minn dawn is-sorsi miftuħa se tiġi sostnuta permezz ta' ritratti bis-satellita. Sabiex tinfed dan ix-xogħol, il-*JRC* se jiżviluppa iktar fil-fond it-tiftix bl-internet multilingwi u t-teknoloġiji tat-tiftix tat-tagħrif (*data mining*).

### 3.3.4. *Il-ġlieda kontra it-traffikar illiċitu tal-materjali nukleari, inkluż l-analiżi forensika nukleari*

L-individwazzjoni u l-identifikazzjoni tal-materjal nukleari trasportat jew maħżun illegalment jikkostitwixxu linja maġġuri ta' difiża kontra t-traffikar illiċitu. Ix-xjenza forensika nukleari tipprovdi ħjiel dwar l-orijini tal-materjal maqbud. L-istabbiliment ta' pjanijiet xierqa ta' rispons għat-trattament tal-każijiet ta' l-individwazzjoni tibqa' kwistjoni importanti. Fil-qasam tal-forensiċi nukleari u t-traffikar illiċitu l-*JRC* ser iżid il-kollaborazzjoni tiegħu ma' l-awtoritajiet nazzjonali u l-organizzazzjonijiet internazzjonali (ITWG, IAEA, eċċ.).

## Aspetti etiċi

Waqt l-implimentazzjoni ta' dan il-programm u fl-attivitajiet ta' riċerka li joħorġu minnu, prinċipji fundamentali ta' l-etika għandhom jiġu rispettati. Dawn jinkludu, fost l-oħrajn, il-prinċipji riflessi fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali ta' l-UE, inklużi dawn li ġejjin: il-protezzjoni tad-dinjità u tal-ħajja tal-bniedem, il-protezzjoni tad-*data* personali u l-privatezza, kif ukoll il-ħarsien ta' l-annimali u ta' l-ambjent skond il-liġi Komunitarja u l-aħħar verżjonijiet tal-konvenzjonijiet internazzjonali rilevanti, il-linji ta' gwida u l-kodiċi ta' kondotta, bħalma huma d-Dikjarazzjoni ta' Helsinki, il-Konvenzjoni tal-Kunsill ta' l-Ewropa dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u l-Bijomediċina ffirmata f'Oviedo fl-4 ta' April 1997, u l-Protokoll Addizzjonali tagħha, il-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tat-Tfal, id-Dikjarazzjoni Universali dwar il-ġenoma tal-bniedem u drittijiet tal-bniedem adottata mill-UNESCO, il-Konvenzjoni tan-NU dwar l-Armi Bijoloġiċi u Tossiċi (*BTWC*), it-Trattat Internazzjonali dwar ir-Riżorsi ġenetiċi tal-Pjanti għall-Ikel u l-Agrikoltura, u r-riżoluzzjonijiet rilevanti ta' l-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (*WHO*).

L-opinjoni tal-Grupp Ewropew ta' Konsulenti dwar l-Implikazzjonijiet Etiċi tal-Bijoteknoloġija (1991-1997) u l-opinjoni tal-Grupp Ewropew dwar l-Etika fix-Xjenza u Teknoloġiji ġodda (mill-1998 'l quddiem) se jiġu kunsidrati.

Konformement mal-prinċipju tas-sussidjarjetà u tal-perspettivi differenti li jeżistu fl-Ewropa, il-parteċipanti fil-proġetti ta' riċerka għandhom jikkonformaw mal-leġiżlazzjoni, regolamenti u regoli etiċi kurrenti fil-pajjiżi li fihom tkun ser ssir ir-riċerka. F'kull każ, ikunu japplikaw id-dispożizzjonijiet nazzjonali, u l-ebda riċerka pprojbita fi kwalunkwe Stat Membru jew fi kwalunkwe pajjiż ieħor ma tkun meġġuna minn finanzjamenti Komunitarji għat-twertiq f'dak l-Istat Membru jew f'dak il-pajjiż.

Fejn ikun xieraq, il-parteċipanti fil-proġetti ta' riċerka għandhom jiksibu l-approvazzjoni tal-kumitati rilevanti nazzjonali jew lokali ta' l-etika qabel il-bidu ta' l-attivitajiet ta' *RTD*. Il-Kummissjoni sejra sistematikament timplimenta reviżjoni etika fir-rigward ta' proposti li jkollhom x'jaqsmu ma' kwistjonijiet etikament sensitivi, jew li fihom l-aspetti etiċi ma jkunux ġew trattati b'mod adegwat. F'każijiet speċifiċi, reviżjoni etika tista' ssir waqt l-implimentazzjoni ta' proġett.

Il-Protokoll dwar il-ħarsien u l-benessri ta' l-annimali li huwa anness mat-Trattat jeħtieġ li l-Komunità tagħti kas lill-ħtiġijiet tal-benessri ta' l-annimali fil-formulazzjoni u l-implimentazzjoni tal-politika Komunitarja inkluż ir-riċerka. Id-Direttiva tal-Kunsill 86/609/KEE dwar il-ħarsien ta' l-annimali użati għal għanijiet sperimentali jew xjentifiċi oħra teħtieġ li l-esperimenti kollha għandhom jitfasslu b'tali mod li jevitaw sitwazzjonijiet ta' twegħir u ta' uġiġ u tbatija bla bżonn għall-annimali li jintużaw fl-esperiment; li jintuża l-inqas numru ta' annimali; li jiġu involuti annimali bl-inqas grad ta' sensitività newrofizjoloġika; u li jiġi kkawżat l-inqas uġiġ, tbatija jew deni permanenti. L-alterazzjoni tal-wirt ġenetiku ta' l-annimali u l-klonazzjoni ta' l-annimali tista' tkun ikkunsidrata biss jekk il-miri huma etikament ġustifikati u l-kundizzjonijiet huma tali li l-ġid ta' l-annimali huwa garantit u l-prinċipji tal-bijodiversità huma rispettati.

Matul l-implimentazzjoni ta' dan il-programm, il-Kummissjoni sejra ssegwi regolarment il-progress xjentifiku u d-dispożizzjonijiet nazzjonali u internazzjonali sabiex tikkunsidra kull żvilupp.

## DIKJARAZZJONI LEĠIŻLATTIVA FINANZJARJA

1. **ISEM IL-PROPOSTA : PROGRAMM SPEĊIFIKU LI GĦANDU JITWETTAQ PERMEZZ TA' AZZJONIJIET DIRETTI MIC-ĊENTRU TA' RIĊERKA KONĠUNTA LI JIMPLIMENTA IS-7 QAFAS TA' PROGRAMM TAĦT IL-KOMUNITÀ EWROPEA GĦALL-ENERĠIJA ATOMIKA (EURATOM) GĦAL RIĊERKA NUKLEARI U ATTIVITAJIET TA' TAĦRIĠ (2007 TO 2011).**

2. **QAFAS ABM/ABB**

Oqsma ta' Politika kkonċernati u Attivitàjiet assoċjati:

Riċerka Diretta

3. **LINJI TAL-BAĠIT**

3.1. **Linji tal-Baġit (linji ta' tħaddim u linji ta' assistenza teknika u amministrattiva relatati (eż- linji B..A)) li jinkludu l-intestaturi :**

10 01 05 Nefqa ta' sostenn għal operazzjonijiet tal-qasam tal-politika ta' riċerka diretta  
10 03 Approprijazzjonijiet operattivi għar-riċerka ffinanzjata direttament

(nomenklatura baġitarja finali għas-seba' Programm ta' Qafas se jiġi stabbilit meta jasal il-waqt)

3.2. **Tul ta' l-azzjoni u ta' l-impatt finanzjarju:**

L-2007-2013 suġġett għall-approvazzjoni tal-qafas il-ġdid tal-perspettivi finanzjarji

3.3. **Karatteristiċi tal-baġit (*żid ir-ringieli jekk hu meħtieġ*)**

Linja tal-Baġit	Tip ta' nefqa		Ġdida	Kontribuzzjoni ta' l-EFTA	Kontribuzzjonijiet minn pajjiżi applikanti	Intestatura fil-perspettiva finanzjarja
10 01 05	Mhux komp	Mhux diff	IVA	LE	IVA	Le [1a]
10 03	Mhux komp	diff <sup>13</sup>	IVA	LE	IVA	Le [1a]

<sup>13</sup> Minn issa 'l quddiem approprjazzjonijiet mingħajr distinzjoni jkunu riferuti bħala NDA.

#### 4. SOMMARJU TAR-RIŻORSI

##### 4.1. Riżorsi Finanzjarji

##### 4.1.1. Sommarju ta' approprjazzjonijiet għall-impenji (AI) u approprjazzjonijiet ta' ħlasijiet (AH)<sup>14</sup>

miljuni ta' EUR (sa 3 postijiet deċimali)

Tip ta' nefqa	Numru tas-Sezzjoni	2007	2008	2009	2010	2011	Total
---------------	--------------------	------	------	------	------	------	-------

##### Nefqa operazzjonali<sup>15</sup>

Approprjazzjonijiet għall-impenji (AI)	8.1	a	280.916	358.377	477.708	493.220	527.103	2,137.324
Approprjazzjonijiet għall-ħlasijiet (AH)		b	112.366	277.626	354.780	440.367	1,002.185 <sup>16</sup>	2,137.324

##### Nefqa amministrattiva skond l-ammont ta' referenza<sup>17</sup>

Assistenza teknika u amministrattiva (NDA)	8.2.4	c	177.503	190.795	197.945	203.300	184.647	954.188
--	-------	---	---------	---------	---------	---------	---------	---------

##### AMMONT TOTALI TA' REFERENZA

Approprjazzjonijiet għall-impenji (AI)		a+c	458.419	549.172	675.653	696.520	711.748	3,091.512
Approprjazzjonijiet għall-ħlasijiet (AH)		b+c	289.869	418.421	552.421	643.667.725	1,186.830 <sup>18</sup>	3,091.512

<sup>14</sup> Dawn iċ-ċifri jirreferu għall-infiq għall-Programm ta' Qafas Euratom kollu kemm hu - ara KUMM(2005) 119.

<sup>15</sup> In-nefqa ma taqax taħt il-Kapitolu xx 01 tat-Titlu xx ikkonċernat.

<sup>16</sup> L-approprjazzjonijiet għall-ħlasijiet jirreferu għall-2011 u s-snin ta' wara.

<sup>17</sup> Nefqa skond artikolu xx 01 05 tat-Titlu xx.

<sup>18</sup> L-approprjazzjonijiet għall-ħlasijiet jirreferu għall-2011 u s-snin ta' wara.

### Nefqa amministrattiva skond l-ammont ta' referenza<sup>19</sup>

Riżorsi umani u nefqa assoċjata (NDA)	8.2.5	d	4.986	5.085	5.187	5.291	5.397	25.946
Spejjeż amministrattivi, ħlief għal riżorsi umani u spejjeż assoċjati, mhux inklużi fl-ammont ta' referenza (NDA)	8.2.6	e	0.148	0.151	0.154	0.157	0.160	0.770

### Prezz finanzjarju totali indikattiv ta' l-intervent

<b>TOTAL ta' AI li jinkludi l-ispiża għar-Riżorsi Umani</b>	a+c+d+e	463.553	554.408	680.994	701.968	717.305	3,118.228
<b>TOTAL ta' AH li jinkludi l-ispiża għar-Riżorsi Umani</b>	b+c+d+e	295.003	423.657	558.066	649.115	1,195.387 <sup>20</sup>	3,118.228

### Dettalji tal-kofinanzjament

Jekk il-proposta tinvolvi kofinanzjament minn Stati Membri, jew istituzzjonijiet oħra (jekk jogħġbok speċifika liema), stima tal-livell ta' dan il-kofinanzjament għandu jkun indikat fit-tabella ta' taħt (linji oħra jistgħu jkunu miżjuda jekk ikunu indikati istituzzjonijiet differenti biex jkun provdut il-kofinanzjament):

*miljuni ta' EUR (sa 3 postijiet deċimali)*

Entità tal-kofinanzjament		Sena n	n + 1	n +2	n +3	n +4	n + 5 u wara	Total
.....	f							
<b>TOTAL ta' AI inkluż il-kofinanzjament</b>	<b>a+c+d+e+f</b>							

<sup>19</sup> Nefqa skond artikolu xx 01 minbarra artikoli xx 01 05.

<sup>20</sup> L-appropriazzjonijiet għall-ħlasijiet jirreferu għall-2011 u s-snin ta' wara.

#### 4.1.2. *Kompatibilità mal-Programmazzjoni Finanzjarja*

- Il-proposta hija kompatibbli mal-programmazzjoni finanzjarja eżistenti. Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni ta' Frar 2004 dwar il-perspettivi finanzjarji 2007-2013 COM (2004) 101).
- Il-proposta se tinvolvi il-riprogrammazzjoni ta' l-intestatura rilevanti fil-perspettiva finanzjarja.
- Il-proposta tista' tirrikjedi l-applikazzjoni tad-dipożizzjonijiet tal-Ftehim Interistituzzjonali<sup>21</sup> (jiġifieri strument ta' flessibilità jew reviżjoni tal-perspettiva finanzjarja).

#### 4.1.3. *Impatt finanzjarju fuq l-introjtu*

- Il-proposta m'għandha l-ebda implikazzjoni finanzjarja fuq l-introjtu
- Il-proposta għandha impatt finanzjarju – l-effett fuq l-introjtu huwa kif ġej:

Ċerti Stati assoċjati jistgħu jikkontribwixxu lil fond supplimentari tal-programm ta' qafas permezz ta' ftehimiet ta' assoċjazzjoni.

miljuni f'EUR (sa post decimale)

Linja tal-Baġit	Introjtu	Qabel l-azzjoni [Sena n-1]	Is-sitwazzjoni wara l-azzjoni							
			[Yea r n]	[n+1]	[n+2]	[n+3 ]	[n+4]	[n+5]		
	<i>a) Introjtu f'termini assoluti</i>									
	<i>b) Tibdil fl-introjtu</i>	Δ								

***Jekk jogħġbok speċifika kull introjtu involut fil-linja tal-baġit, billi żżid in-numru meħtieġ ta' ringieli fil-lista jekk ikun hemm effett fuq iktar minn linja waħda tal-baġit.***

#### 4.2. **Riżorsi Umani FTE (li jinkludu uffiċjali) - ara d-dettall taħt punt 8.2.1.**

Ħtiġijiet annwali	2007	2008	2009	2010	2011
Numru totali ta' rżorsi umani <sup>22</sup>	1.944	1.944	1.944	1.944	1.944

<sup>21</sup> Ara punti 19 u 24 għal ftehim Interistituzzjonali.

<sup>22</sup> Iċ-ċifri indikati fit-tabella jirreferu biss għall-istaff iffinanzjat mill-pjan ta' stabbiliment għall-azzjonijiet diretti kollha taħt ir-responsabilità tad-DĠJRC. Għalhekk dawn iċ-ċifri ma fihomx il-karigi tal-pjan ta' stabbiliment

Din iċ-ċifra ma fihix l-istaff għal żmien qasir iżda tkopri l-uffiċjali awtorizzati fuq it-tabella ta' l-istaff tal-*JRC*.

## **5. KARATTERISTIĊI U GĦANIJIET**

### **5.1. Għandhom jintlaħqu fuq perjodu ta' żmien fil-qosor jew fit-tul**

L-attivitajiet nukleari tal-*JRC* għandhom l-għan li jissodisfaw l-obbligi ta' l-*R&D* tat-Trattat ta' l-Euratom u jipprovdu appoġġ xjentifiku u tekniku skond il-ħtiġijiet tal-klijent fil-proċess tat-tfassil ta' politika ta' l-UE relatata ma' l-enerġija nukleari, waqt li jiżguraw sostenn għall-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tal-politika eżistenti u li jirrispondu għal domandi ġodda ta' politika.

### **5.2. Il-valur miżjud ta' l-involviment Komunitarju u l-koerenza tal-proposta ma' strumenti finanzjarji oħra u sinerġija possibbli**

L-attivitajiet tal-*JRC* għandhom l-għan li jissodisfaw l-obbligi ta' l-*R&D* tat-Trattat ta' l-Euratom u jappoġġjaw kemm il-Kummissjoni kif ukoll l-Istati Membri fil-qasam tas-salvagwardi u n-non-proliferazzjoni, l-immaniġġjar ta' l-iskart, is-sikurezza ta' l-impjanti nukleari u taċ-ċiklu tal-fjuwil, ir-radjuattività fl-ambjent u l-ħarsien mir-radjazzjoni.

### **5.3. Għanijiet, riżultati mistennija u indikaturi relatati mal-proposta fil-kuntest tal-qafas ta' l-ABM**

Ix-xogħol se jiffoka fuq it-temi politiċi li ġejjin, kif indikat fl-Anness.

**1. Immaniġġjar ta' l-iskart nukleari, impatt ambjentali u għarfien bażiku**

**2. Sikurezza Nukleari**

**3. Sigurtà Nukleari**

### **5.4. Metodu ta' Implimentazzjoni (indikattiv)**

Uri hawn taħt il-metodu/i li magħżul(a) għall-implimentazzjoni ta' l-azzjoni.

*Ġestjoni ċentralizzata*

---

mill-baġit operattiv u l-karigi mill-pjan ta' stabbiliment għall-azzjonijiet indiretti - ara d-dokumenti KUMM(2005) 440, 441, 442, 443, 444.

- Direttament mill-Kummissjoni
- Indirettament b'delega lil:
  - Aġenziji eżekuttivi
  - Korpi mwaqqfa mill-Komunitajiet kif imsemmija fl-artikolu 185 tar-Regolament Finanzjarju
  - Korpi tas-settur pubbliku nazzjonali/korpi b'missjoni fis-servizz pubbliku
- Ġestjoni maqsuma jew deċentralizzata*
  - Ma' Stati Membri
  - Ma' pajjiżi Terzi
- Ġestjoni konġunta ma' organizzazzjonijiet internazzjonali (jekk jogħġbok speċifika)*

Kummenti rilevanti:

## 6. MONITORAĠĠ U EVALWAZZJONI

### 6.1. Ġenerali

Il-*JRC* jappoġġa ċ-ċikli ta' ppjanar, eżekuzzjoni, monitoraġġ u evalwazzjoni annwali u multiannwali (jiġifieri l-Programm ta' Qafas ta' Riċerka) permezz ta' sett stabbilit ta' indikaturi ewlenin tar-rendiment u attivitajiet speċifiċi ta' evalwazzjoni.

Il-*JRC* jipprovdi appoġġ xjentifiku u teknoloġiku lill-utenti (il-maġġoranza fil-Kummissjoni) permezz ta' Programm ta' Ħidma b'madwar mitt azzjoni. Il-metodoloġiji, l-indikaturi u l-kriterji huma użati tul is-sett kollu ta' azzjonijiet u linji interni tal-*JRC* għall-baġit. Għalhekk, eżerċizzju ta' evalwazzjoni tipikament ikopri għadd kbir jekk mhux il-linji tal-baġit kollha tal-Programm ta' Ħidma tal-*JRC*.

### 6.2. Sistema ta' monitoraġġ

Fuq bażi annwali wara d-deċizzjoni tal-Kummissjoni<sup>23</sup> dwar l-organizzazzjoni mill-ġdid ta' Ċentru Konġunt ta' Riċerka u skond l-obbligi li jhorgu mill-Programmi Speċifiċi (partijiet

<sup>23</sup> ĠU L 107, tat-30.4.1996, p. 12 - 96/282/Euratom.

nukleari u mhux nukleari), il-Bord tal-Gvernaturi tal-*JRC* jimplimenta l-monitoraġġ annwali ta' l-implimentazzjoni tal-Programm ta' Ħidma tal-*JRC* bl-osservazzjonijiet tiegħu dwar ir-rapport annwali tal-*JRC*. Kollegament addattat mal-Monitoraġġ Annwali ta' Azzjonijiet Indiretti huwa assigurat.

### 6.3. Evalwazzjoni

Il-*JRC* janalizza r-risultati u l-impatt tal-azzjonijiet tiegħu fuq bażi annwali, permezz ta' metodoloġija *ex-post* applikata fi proċess minn esperti fil-qasam. Ir-risultati ta' din l-analiżi jidħlu direttament fl-ippjanar għall-programm ta' ħidma tas-sena ta' wara. L-indikaturi u l-kriterji użati fid-dokument ta' azzjoni perjodika jirrelata direttament mar-risultati ta' l-azzjonijiet u ma' l-Indikaturi Ewlenin tar-Rendiment.

S'issa l-*JRC* għamel studji dwar is-sodisfazzjon ta' l-utenti fuq bażi bi-annwali. Il-ħsieb tal-Programm ta' Qafas il-ġdid huwa li jġidda l-ħal gradwalment sistema biex jinġabar *feedback* kontinwu ta' l-utenti li jkun marbut ma' sħarriġ annwali ta' l-azzjonijiet.

Skond ir-regoli u l-prassi t-tajba tal-Kummissjoni dwar l-attivitajiet ta' evalwazzjoni tagħha, se jkun hemm evalwazzjoni ta' nofs it-terminu 3 snin u nofs wara l-bidu tal-Programm ta' Qafas ta' Riċerka li jidur seba' snin. Din l-evalwazzjoni trid issir minn esperti esterni ta' l-oġġla livell u għandha tkopri l-informazzjoni strutturata miġbura fid-dokument annwali ta' l-azzjonijiet kif ukoll sorsi oħra bħal studji dwar is-sodisfazzjon ta' l-utenti.

Fl-aħħarnett, evalwazzjoni *ex-post* għandha ssir fi tmiem il-Programm ta' Qafas ta' seba' snin.

#### 6.3.1. Evalwazzjoni *ex-ante*

Filwaqt li l-programm tal-*JRC* jiġi aġġornat kull sena, il-progress jiżviluppa fuq perjodu itwal ta' żmien. Għalhekk, id-dokument annwali ta' azzjonijiet jipprovdi wkoll komponent qawwi ta' evalwazzjoni *ex-ante*.

#### 6.3.2. *Miżuri meħuda wara evalwazzjoni intermedja/ex-post (taġġlim minn esperjenzi simili fil-passat)*

Evalwazzjonijiet li saru fil-passat urew speċifitàjiet dwar l-ħidmet il-*JRC*, li jeħtieġu li r-regoli bażiċi interni tal-Kummissjoni (jiġifieri l-analiżi tar-risultati, l-effettività, l-effiċjenza,

l-effetti sekondarji, sostenibilità eċċ.) ikunu tradotti fil-kuntest speċifiku tal-*JRC*. Dawn l-ispeċifitàjiet huma li:

- (1) Il-*JRC* jimplementa l-Programm ta' Ħidma tiegħu b'madwar mitt azzjoni, li mbagħad jappoġġaw il-politika tal-Kummissjoni
- (2) M'hemm ebda mudell standard tar-rabta tal-benefiċċju ma' l-ispiża li jista' jkun applikat għall-operat u l-evalwazzjoni ta' l-attivitajiet tal-*JRC*.
- (3) L-impatt li jħalli x-xogħol tal-*JRC* huwa fuq il-livell ta' dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet fl-Ewropa, mhux tas-soċjetà Ewropea in ġenerali.

Lanqas huwa biżżejjed għall-*JRC* li jkejje l-ir-riżultati tagħha bħala organizzazzjoni xjentifika, li diġà hija sfida fiha nnifisha. Meta tgħaqqad l-aspetti tal-organizzazzjoni xjentifika u l-karattru ta' servizz tal-Kummissjoni, l-isfida reali għall-*JRC* hija li jkejje l-impatt tal-attivitajiet tiegħu, l-ewwel fuq dawk li jfasslu l-politika mbagħad fuq il-politika li jkunu fasslu.

Wara l-lezzjonijiet bażiċi li ħarġu mill-aħħar Programm ta' Qafas, il-*JRC* qed tfassal l-attivitajiet dejjem aktar b'tali mod li jistgħu jkunu suġġetti għal evalwazzjoni li tassew ikollha tifsira. Barra minn hekk, għall-analiżi sħiħa tar-riżultati komplessivi tal-*JRC*, ikun hemm bżonn li r-riżultati ta' l-evalwazzjoni ta' l-azzjonijiet kollha individwali jiġu integrati. Għalhekk, l-evalwazzjonijiet tal-*JRC* issa huma akkumpanjati minn sett ta' attivitajiet ta' appoġġ li jipprovdu informazzjoni strutturata biex jappoġġjaw

- l-evalwazzjonijiet multi annwali, dawk ta' nofs it-terminu u *ex-post*.
- Bħala konsegwenza il-*JRC* żviluppa u implimenta Reviżjonijiet ta' Azzjoni Perjodiċi (PAR) li janalizzaw r-riżultati ta' l-azzjonijiet individwali tagħha fl-2003 u 2004. PAR għandha diversi għanijiet:
  - Tanalizza l-Azzjonijiet tal-*JRC* skond metodoloġija defnita sew;
  - Tappoġġa l-ippjanar għal programm ta' ħidma tas-sena ta' wara;
  - Twassal għal *data base* li tappoġġa diversi obbligi ta' rappurtar;
  - Tibni *data base* semi-kwantitattiva għall-benefiċċju ta' l-evalwazzjonijiet futuri tal-*JRC*;
  - Tippermetti li jitnisslu indikaturi ta' livell korporattiv minn livelli varji aktar baxxi inkuż l-livell ta' Azzjoni.

Il-mekkaniżmu analitiku tal-PAR isir fuq bażi annwali u se jkompli jkun żviluppat fil-Programm Speċifiku attwali.

### 6.3.3. *Termini u frekwenza ta' evalwazzjoni futura*

Ir-reviżjoni ta' azzjoni perjodika u l-monitoraġġ ta' l-implimentazzjoni tal-Programm ta' Qafas se jsiru kull sena. L-istħarriġ dwar is-Sodisfazzjon tal-Klijenti bħalissa qed isir kull sentejn. Fil-futur proċess li jkun aktar kontinwi jista' jkun introdott gradwalment. L-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu għandha titwettaq 3 snin u nofs wara l-bidu tas-seba' Programm ta' Qafas. L-evalwazzjoni *ex-post* fl-aħħar tas-seba' Programm ta' Qafas.

## 7. **MIŻURI KONTRA L-FRODI**

Għandhom jittieħdu wkoll il-miżuri meħtieġa biex ma jitħallewx isiru l-irregolaritajiet u l-frodi, u għandhom jittieħdu wkoll il-passi meħtieġa biex jinġabru lura fondi li jkunu ntilfu, tħallsu bi żball jew intużaw b'mod mhux korrett skond ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej, ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2348/2002 tat-23 ta' Diċembru 2002 li jistipola regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill u kull emenda tal-futur, ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2988/95 tat-18 ta' Diċembru dwar il-protezzjoni ta' l-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea<sup>24</sup>, (Euratom, KE) Nru 2185/96 tal-11 ta' Novembru 1996 dwar il-verifiki u l-ispezzjonijiet fuq il-post imwettqa mill-Kummissjoni sabiex tippoteġi l-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea kontra l-frodi u irregolaritajiet oħra<sup>25</sup> u r-Regolament (KE) Nru 1074/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar investigazzjonijiet imwettqa mill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF)<sup>26</sup>.

---

<sup>24</sup> ĠU L 312, tat-23.12.1995, p. 1

<sup>25</sup> ĠU L 292, tal-15.11.1996, p. 2

<sup>26</sup> ĠU L 136, tal-31.5.1999, p. 8.

## 8. DETTALJI TAR-RIŻORSI

### 8.1. L-għanijiet tal-proposta fit-terminu tal-valur finanzjarju tagħhom

*Approprijazzjonijiet obligatorji f'miljuni ta' EUR (sa 3 postijiet deċimali)*

(Intestauri ta' l-Għanijiet, azzjonijiet u riżultati għandhom ikunu provduti)	Sena 2007	Sena 2008	Sena 2009	Sena 2010	Sena 2011	Total
	Nefqa totali	Nefqa totali	Nefqa totali	Nefqa totali	Nefqa totali	Nefqa totali
<b>IMMANIĠĠJAR TA' L-ISKART NUKLEARI, IMPATT AMBJENTALI U GħARFIEN BAŻIKU</b>						
<b>SIKUREZZA NUKLEARI</b>						
<b>SIGURTÀ NUKLEARI</b>						
<b>SPIŻA TOTALI</b>	<b>101,533</b>	<b>104,581</b>	<b>107,750</b>	<b>110,948</b>	<b>114,265</b>	<b>539,077</b>

## 8.2. Nefqa Amministrattiva

### 8.2.1. Ammont u tip ta' riżorsi umani

Tipi ta' kariga		Staff li għandhom jiġi assenjat għall-ġestjoni ta' l-azzjoni permezz ta' riżorsi eżistenti u/jew addizzjonali ( <b>numru ta' postijiet/FTEs</b> )
-----------------	--	---

		2007	2008	2009	2010	2011
Uffiċjali jew staff temporanj u <sup>27</sup> (XX 01 01)	A*/AD					
	B*, C*/AST					
Staff iffinanzjat <sup>28</sup> minn l-art. XX 01 02						
Staff ieħor <sup>29</sup> iffinanzjati minn l-art. XX 01 04/05		2480	2.480	2.480	2.480	2.480
<b>TOTAL</b> <sup>30</sup>		2.480	2.480	2.480	2.480	2.480

Din il-preżentazzjoni tirrifletti s-sitwazzjoni tal-*JRC* fejn l-istaff huma primarjament “*JRC*” u – bl-eċċezzjoni ta’ staff li għandhom x’jaqsmu direttament mal-proġett ta’ riċerka – ġestiti bħala grupp wieħed għall-attivitajiet nukleari u dawk li mhumiex nukleari staff ta’ appoġġ jistgħu jaħdmu għaż-żewġ programmi fl-istess ġurnata fl-istess post.

Il-proporzjon ta’ staff nukleari mat-total jista’ jvarja matul il-perjodu ta’ eżekuzzjoni tal-programm ta’ qafas iżda għandu jirrispetta proporzjon ta’ 30%

Iċ-ċifri ta’ l-istaff ta’ hawn fuq ikopru l-istaff statutorju

<sup>27</sup> L-ispiża ta’ dawn MHIJEX koperta minn ammont ta’ referenza.

<sup>28</sup> L-ispiża ta’ dawn MHIJEX koperta minn ammont ta’ referenza.

<sup>29</sup> L-ispiża ta’ dawn hija inkluża fil-ammont ta’ referenza.

<sup>30</sup> Iċ-ċifri indikati fit-tabella jirreferu biss għall-istaff iffinanzjat mill-pjan ta’ stabbiliment għall-azzjonijiet diretti kollha taħt ir-responsabilità tad-DĠJRC. Għalhekk dawn iċ-ċifri ma fihomx il-karigi tal-pjan ta’ stabbiliment mill-baġit operattiv u l-karigi mill-pjan ta’ stabbiliment għall-azzjonijiet indiretti - ara d-dokumenti KUMM(2005) 440, 441, 442, 443, 444.

8.2.2. *Deskrizzjoni tal-ħidmiet li joħroġu mill-azzjoni*

Ħidmiet li joħroġu mill-programm speċifiku ta' riċerka diretta non-nukleari

8.2.3. *Sorsi ta' riżorsi umani (statutorji)*

*(Meta iżjed minn sors wieħed huwa ddikjarat, jekk jogħġbok indika n-numru ta' karigi li joriġinaw minn kull sors)*

- Karigi attwalment allokatu lill-ġestjoni tal-programm li għandhom jinbidlu jew estiżi
- Karigi pre-allokatu fi ħdan l-eżerċizzju APS/PDB għas-sena n
- Karigi li għandhom jintalbu fil-proċedura APS/PDB li jmiss
- Karigi li għandhom jinqassmu bl-użu ta' riżorsi eżistenti fi ħdan is-servizz ta' ġestjoni (tqassim intern)
- Karigi meħtieġa għas-sena n minkejja mhux previsti fl-eżerċizzju APS/PDB tas-sena inkwistjoni

8.2.4. *Infiq Amministrattiv ieħor inkluż fl-ammont ta' referenza (XX 01 05 – Infiq ta' ġestjoni amministrattiva)<sup>31</sup>*

*miljuni ta' EUR (sa 3 postijiet deċimali)*

Linja tal-Baġit (numru u intestatura)	Sena 2007	Sena 2008	Sena 2009	Sena 2010	Sena 2011	TOTAL
<b>Staff statutorju xx.01 05 01</b>	132.100	137.665	142.206	145.659	141.128	698.758
<b>Staff estern xx.01 05 02</b>	23.520	30.809	32.971	34.418	19.830	141.548
<b>Infiq amministrattiv ieħor xx.01 05 03</b>	21.883	22.321	22.768	23.223	23.687	113.882
<b>Assistenza teknika u amministrattiva totali</b>	177.503	190.795	197.945	203.300	1884.645	954.188

<sup>31</sup> Dawn iċ-ċifri jirreferu għall-infiq għall-Programm ta' Qafas EURATOM kollu - ara KUMM(2005)119.

8.2.5. *Nefqa finanzjarja tar-riżorsi umani u nfiq assoċjati mhux inkluż fl-ammont ta' referenza*<sup>32</sup>

*miljuni ta' EUR (sa 3 postijiet deċimali)*

Tip ta' riżorsi umani	Sena 2007	Sena 2008	Sena 2009	Sena 2010	Sena 2011	TOTAL
Uffiċjali u staff temporanju (XX 01 01)	4.986	5.085	5.187	5.291	5.397	25.946
Staff iffinanzjat minn Art XX 01 02 (awżiljarji, END, staff fuq kuntratt eċċ.)  (speċifika l-linja tal-baġit)						
<b>Spiża totali ta' Riżorsi Umani u spejjeż assoċjati (MHUX f'ammont ta' referenza)</b>	<b>4.986</b>	<b>5.085</b>	<b>5.187</b>	<b>5.291</b>	<b>5.397</b>	<b>25.946</b>

**Kalkolu – Infiq amministrattiv**

*Ġie kkalkulat billi tqisu l-ipoteżi li ġejjin:*

- *in-numru ta' staff uffiċjali fuq l-eżerċizzju parti A tal-baġit jibqa' fuq il-livell ta' l-2006,*
- *l-infiq żied bi 2% fis-sena skond l-inflazzjoni prevista kif indikat fil-Fajl 1 REV (dokument ta' ħidma tas-servizzi tal-kummissjoni relatati mal-perspettivi finanzjarji),*
- *il-suppożizzjoni ta' €108 000 għal kull staff uffiċjali, u € 70.000 għall-istaff estern (prezzijiet 2004)*

**Kalkolu – Staff iffinanzjat taħt l-art. XX 01 02**

*Għandha tingħata referenza lill-Punt 8.2.1. jekk japplika*

<sup>32</sup> Dawn iċ-ċifri jirreferu għall-infiq għall-Programm ta' Qafas EURATOM kollu - ara KUMM(2005)119.

8.2.6. Infiq amministrattiv ieħor mhux inkluż fl-ammont referenzjarju<sup>33</sup>

	Sena 2007	Sena 2008	Sena 2009	Sena 2010	Sena 2011	TOTAL
XX 01 02 11 01 – Missjonijiet	0.036	0.036	0.037	0.038	0.038	0.185
XX 01 02 11 02 – Laqgħat & Konferenzi	0.001	0.001	0.001	0.001	0.001	0.005
XX 01 02 11 03 – Kumitati <sup>34</sup>	0.111	0.114	0.116	0.118	0.181	0.580
XX 01 02 11 04 – Studji & konsultazzjonijiet						
XX 01 02 11 05 – Sistemi ta' informazzjoni						
<b>2 Total ta' Nfiq ieħor Maniġerjali (XX 01 02 11)</b>						
<b>3 Infiq ieħor ta' natura amministrattiva</b> (speċifika u inkludi referenza għal linja tal-baġit)						
<b>Spiża Amministrattiva totali, ħliet riżorsi umani u nfiq assoċjat (li MHUX inkluż fl-ammont ta' referenza)</b>						

Kalkolu - *Infiq amministrattiv mhux inkluż fl-ammont ta' referenza*

Dawn iċ-ċifri huma stmati fuq il-bażi tat-talbiet tad-DĠ RTD ta' l-2006 li żdiedu b'2% għall-inflazzjoni annwali prevista. (Fajl 1 REV)

Il-ħtiġijiet għal riżorsi umani u amministrattivi għandhom ikunu koperti bl-allokazzjoni li tingħata lid-DĠ li tkun qed timmaniġġja fil-qafas tal-proċedura għall-allokazzjoni annwali. L-allokazzjoni tal-karigi għandha tqis riallokazzjoni eventwali ta' kariji bejn id-dipartimenti fuq il-bażi tal-perspettivi finanzjarji l-ġodda.

<sup>33</sup> Dawn iċ-ċifri jirreferu għall-infiq għall-Programm ta' Qafas EURATOM kollukemmhu - ara KUMM(2005)119.

<sup>34</sup> Speċifika t-tip ta' kumitat u l-grupp li għalih jappartjeni.